MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 89/2005

Kawza fil-lista: 45

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' Frar 2000 (Vide Dokument A) u mill-imsemmi zwieg ma kellhomx tfal;

U premess illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u l-istess kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Patricia Hall datat 10 ta' Marzu 2005;

U premess illi dan iz-zwieg huwa null billi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghal konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

U premess illi dan iz-zwieg huwa null billi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg;

U premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn l-imsemmija partijiet huwa null u bla effett ai termini ta’ l-artikolu 19(1) (d) u (f) ta’ l-Att taz-zwieg ta’ l-1975 b’tortijiet imputabbli lill-konvenut;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fl-14 ta’ Frar, 2000 huwa null u bla effett ai termini ta’ l-artikolu 19 (1) (d) u (f) ta’ l-Att taz-Zwieg ta’ l-1975;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-esponent ma jaqbilx illi l-kunsens tieghu kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini ta’ l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255, liema tort huwa imputabbli ghall-konvenut;

2. Illi l-esponent ma jaqbilx illi l-kunsens tieghu kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja

mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini ta’ l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255, liema tort huwa imputabbli ghall-konvenut.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant li biha ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta’ Frar 2000 gewwa l-Knisja tar-Rabat, kif ukoll illi huma sseparaw permezz ta’ Kuntratt ta’ separazzjoni fl-10 ta’ Marzu 2005;

Peress illi minn dana z-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Peress illi l-kunsens ta’ l-attrici hekk rikonvenzjonata kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Peress illi l-kunsens ta’ l-attrici hekk rikonvenzjonata inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Billi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fl-14 ta’ Frar 2000 huwa null u bla effett fil-ligi.

Tghid l-attrici ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fl-14 ta’ Frar 2000 huwa null u bla effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenzjonata li hija ngunt biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata ghall-kontro talba tal-konvenut li biha eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti taqbel mat-talba tal-konvenut rikonvenzjonant sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti null u bla effett, izda dan b'tortijiet imputabbli esklussivament lil konvenut rikonvenzjonant u ghaldaqstant ma ghadiex tbati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

2. Illi l-attrici rikonvenzjonata qed tirrimetti ruha ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-ligi ghal dawn il-fatti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-rapport tal-psikoterapista C Parnis minnu mahluf fis-17 ta' Frar 2006 u l-verbal tal-partijiet registrat fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2006 li permezz tieghu rregistraw il-qbil taghhom mal-kontenut ta' l-istess rapport;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kkuntrattat mal-konvenut fl-14 ta' Frar 2000 huwa null in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [d] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. L-istess kawzalijiet jifformaw il-bazi tal-kontro talba tal-konvenut, izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici.

Il-partijiet izzewwgu fl-14 ta Frar 2000 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Mill-provi jirrizulta car li r-relazzjoni taghhom qatt ma kienet wahda stabbli, u kienet disturbata serjament minn komportament da parti ta' l-attrici. Jidher li dan il-fattur kien determinanti ghat-tifrik taz-zwieg li eventwalment wassal il-partijiet ghas-separazzjoni konsenswali fl-10 ta' Marzu 2005.

Illi fir-rapport tieghu l-psikoterapista kkonstata li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, l-attrici “was psycologically unable to give the needed psychological commitment to remain in a married relationship, because her childhood traumas had contributed to making her unable to maintain the intimate relationship as required in marriage.”[1] Din il-kostatazzjoni dwar l-istat mentali ossia emozjonali da parti ta’ l-attrici jtinsab konfermata mill-fatti kif kontenuti fil-versjoni moghtija mill-attrici, u anke minn dik tal-konvenut. F’ dan il-kaz din il-Qorti tirravviza anomalija psikologika da parti ta’ l-attrici li, fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d] kienet serja bizzejjed biex tfixkel lilha fil-qadi tad-dmirjiet essenzjali taz-zwieg li huma il-bonus fidei, il-*bonus prolis* u l-*bonus vitae* ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied u l-ben essere reciproku.

Dan premess u kkunsidrat it-talba ghan-nullita’ ta’ dan iz-zwieg, kontenuta kemm fit-talba attrici kif ukoll fil-kontro talba tal-konvenut, hija gustifikata in bazi ghal dak kontemplat fit-tieni parti tal-paragrafu [d] ta’ l-Artikolu precitat, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha. Ir-raguni ghan-nullita’ hija attribwibbli unikament lill-attrici.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici kif ukoll il-kontro talba tal-konvenut fis-sens li tiddikjara u tiddecidi li z-zwieg bejn il-kontendenti kkuntrattat fl-14 ta’ Frar 2000 huwa null u bla effett fil-ligi; u dan ghar-ragunijiet imputabbli unikament lil-attrici. L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[1] Fol.37